

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-27 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden — il-Pajjiżi l-Baxxi) — Staatssecretaris van Financiën vs U. Notermans-Boddenberg

(Kawża C-114/11) <sup>(1)</sup>

(Artikoli 18 KE u 39 KE — Vettura bil-mutur — Użu fi Stat Membru ta' vettura partikolari bil-mutur irregestrata fi Stat Membru ieħor — Tassazzjoni ta' din il-vettura fl-ewwel Stat Membru meta din tintuża għall-ewwel darba fin-netwerk nazzjonali tat-toroq — Vettura miġjuba meta persuna tbiddel ir-residenza minn l-ewwel Stat Membru u tużaha kemm għall-finijiet privati kif ukoll sabiex tmur fil-post tax-xogħol li jinsab fit-tieni Stat Membru)

(2012/C 258/12)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

## **Qorti tar-rinvju**

Hoge Raad der Nederlanden

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën

Konvenut: U. Notermans-Boddenberg

## **Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hoge Raad der Nederlanden — Interpretazzjoni tal-Artikoli 18 KE u 39 KE (attwalment l-Artikoli 21 TFUE u 45 TFUE) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi taxxa fuq ir-registrattori meta vettura tintuża għall-ewwel darba fin-netwerk nazzjonali tat-toroq — Issuġġettar għat-taxxa ta' persuna li biddlet ir-residenza minn Stat Membru ieħor, li għandha n-nazzjonaliità ta' dan l-Istat Membru u li tuża b'mod permanenti vettura rregestrata hemmhekk u inkluża fil-bidla fir-residenza, għall-finijiet ta' użu privat u relatax max-xogħol li jinvolvi vjaġġi lejn dan l-Istat Membru ieħor

## **Dispożittiv**

L-Artikolu 39 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi fuq ir-residenti tiegħi li biddlu r-residenza minn Stat Membru ieħor u li ġabu magħhom vettura rregestrata f'dan l-aħħar Stat Membru, meta vettura tintuża għall-ewwel darba fin-netwerk nazzjonali tat-toroq, il-ħlas ta' taxxa normalment dovuta fl-okkażjoni tar-registrattori ta' vettura fl-ewwel Stat Membru, meta l-imsemmija vettura hija essenzjalment użata fit-territorju ta' dan l-ewwel Stat Membru b'mod permanenti, anki jekk dan l-użu jinkludi vjaġġi mwettqa mill-imsemmija ressidenti sabiex imorru fuq il-post tax-xogħol tagħhom, li jinsab fit-tieni Stat Membru.

<sup>(1)</sup> ĠU C 152, 21.05.2011

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' April 2012 — Deichmann SE vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinni)

(Kawża C-307/11 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 7(1)(b) — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Sinjal figurattiv li jirrapreżenta forma ta' V b'bordura bit-tiek)

(2012/C 258/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## **Partijiet**

Appellant: Deichmann SE (rappreżentant: O. Rauscher, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinni) (rappreżentant: K. Klüpfel, aġġent)

## **Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Is-Seba' Awla) tat-13 ta' April 2011 — Deichmann SE vs UASI (T-202/09), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-UASI, tat-3 ta' April 2009, li tħiġid l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur li tirrifjuta r-registrattori tas-sinjal figurattiv li jirrapreżenta forma ta' V b'bordura bit-tiek bħala trade mark Komunitarja għal ċerti prodotti fil-klassijiet 10 u 25 — Karattru distintiv tat-trade mark

## **Dispożittiv**

(1) L-appell huwa miċħud

(2) Deichmann SE hija kkundannata għall-ispejjeż

<sup>(1)</sup> ĠU C 269, 10.09.2011.

Appell ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2012 mill-Kummissjoni Ewropea kontra s-sentenza tal-Qorti Ġeneral (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Marzu 2012 fil-Kawża magħquda T-29/10 u T-33/10 — Il-Pajjiżi l-Baxxi u ING Groep vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-224/12 P)

(2012/C 258/14)

Lingwi tal-kawża: l-Olandiż u l-Ingliż

## **Partijiet**

Appellant: il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, S. Noë u H. van Vliet, aġġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi  
ING Groep NV  
De Nederlandsche Bank NV

## Talbiet tal-appellant

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral (L-Ewwel Awla), tat-2 ta' Marzu 2012, innotifikata lill-Kummissjoni fis-6 ta' Marzu 2012, mogħtija fil-Kawżi magħquda T-29/10 u T-33/10, Il-Pajjiżi l-Baxxi u ING Groep vs Il-Kummissjoni; u
  - tiċħad it-talbiet għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (¹), tat-18 ta' Novembru 2009, dwar l-ġħajnuna mill-Istat C 10/09 (ex N 138/09) implementata mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-Faċilità ta' Sostenn ta' Assi Mhux Likwid u l-Pjan ta' Ristrutturar tal-ING;
  - tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż;
  - sussidjarjament,
  - tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġeneral għal eżami mill-ġdid;
  - tirriżerva l-ispejjeż tal-proċedura fl-ewwel istanza u fl-appell,
- jew, iktar sussidjarjament,
- tannulla t-tielet paragrafu tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenjuža;
  - tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż tal-appell.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza appellata għandha tīgħi annullata minħabba l-aggravji li ġejjin.

**L-ewwel nett**, ma hemm l-ebda obbligu legali li tapplika l-prinċipju ta' investitur fekonomija tas-suq fir-rigward ta' bidla fil-kundizzjonijiet ta' rimbors dwar miżura li tikkostitwixxi hija stess ġħajnuna mill-Istat.

**It-tieni nett**, il-Qorti Ġeneral għamlet evalwazzjoni żbaljata tan-nuqqas ta' qligħ tal-Istat Membru minħabba l-bidla fil-kundizzjonijiet ta' rimbors, hekk kif eżaminati fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-18 ta' Novembru 2009, dwar l-ġħajnuna mill-Istat C 10/09 (ex N 138/09) implementata mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-Faċilità ta' Sostenn ta' Assi Mhux Likwid u l-Pjan ta' Ristrutturar tal-ING (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kontenjuža”).

**It-tielet nett**, il-Qorti Ġeneral ma kellha l-ebda dritt, anki jekk il-Kummissjoni kienet żbaljata meta kkwalifikat il-bidla fil-kundizzjonijiet ta' rimbors bħala ġħajnuna mill-Istat, li tannulla l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenjuža fl-intier tiegħu.

**Ir-raba' nett**, il-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenjuža kien neċċessarjament illegali minħabba li l-Kummissjoni żabalj meta kkonkludiet li l-bidla fil-kundizzjonijiet ta' rimbors kien fiha element ta' ġħajjnuna mill-Istat.

**Il-ħames nett**, il-Qorti Ġeneral ddeċidiet *ultra petita* meta annullat it-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenjuža u l-Anness II tagħha.

**Is-sitt nett**, u sussidjarjament, jekk il-Qorti Ġeneral ġustament annullat l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenjuža u l-Anness II tagħha, hija ma setgħetx ma tannullax it-tielet paragrafu tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenjuža.

(¹) Deċiżjoni 2010/608/KE (ĠU 2010, L 274, p. 139).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van beroep te Brussel (il-Belġu) fid-29 ta' Mejju 2012 — Citroën Belux NV vs Federatie voor Verzekerings- en Financiële Tussenpersonen (FvF)**

**(Kawża C-265/12)**

**(2012/C 258/15)**

**Lingwa tal-kawża: l-Olandiż**

## Qorti tar-rinvju

Hof van beroep te Brussel

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Citroën Belux NV

Konvenuta: Federatie voor Verzekerings- en Financiële Tussenpersonen (FvF)

## Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2005/29/KE (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni, bħall-Artikolu 72 tal-liggi Belġana tas-6 ta' April 2010 (²), li — bla ħsara għal każżejjiet elenкатi b'mod eżawrjenti mil-liġi — tipp-rojbixxi b'mod ġenerali kull offerta konġunta għall-konsumenti jekk tal-inqas wieħed mill-elementi jikkostitwixxi servizz finanzjarju?